# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 422/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sergio Pisani)**

**vs**

**-ommisis-**

**Rene Zammit**

Illum, 24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Rene Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 418268M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar 31 ta' Mejju, 2016, fl-Imsida, għall-habta tas-07:30 ta' filgħodu, ghamel użu ta' vettura ta' marka Mitsubishi bin-numru

tar-reġistrazzjoni BQZ 166 għal ġarr tal-passiġġieri meta ma kienitx liċenzjata mill-Awtorità biex iġorr passiġġieri b'kiri jew kumpens, u mdaħħla fir-Reġistru dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, bi ksur tar-regolament 27(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu minn vettura tat-tip Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni BQZ 166 għal ġarr ta' tfal tal-iskola u ma kellux mwaħħal fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara tal-vettura s-sinjal kif indikat fil-Ħdax-il Skeda, bi ksur tar- regolament 64(1) tal-Legislazjoni Sussidjarja 499.56, tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat *-ommisis-* waħdu u ċioè talli:

1. F'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, bejn il- 11 ta' Mejju, 2016, u l- 31 ta' Mejju, 2016, u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żmienijiet differenti li jiksru 'l istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda bħal persuna registrat fir-reġistru għall-protezzjoni tal-minuri li ma kienx eligibbli li jkollu impjieg jew organizza xi servizz ta' transport li jinvolvi l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, u dan bi ksur ta' Artikolu 3(3) tal-Kapitlu 518, tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala xufier naqas li javża lill-Awtorità bil-miktub dwar kull dikjarazzjoni ta' ħtija li saret kontrih fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta saret dik id-dikjarazzjoni, u dan bi ksur tar-regolament 19(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D. nhar il-11 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. Sar recidiv wara li ġie kkundannat għal reat b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat **Rene Zammit** waħdu u ċioè talli:

1. F'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, bejn il-11 ta' Mejju, 2016, u l-31 ta' Mejju, 2016, u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru 'l istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bħala persuna li jingaġġa, jħaddem jew impjega lil John Vella, persuna reġistrata fir-reġistru tal-protezzjoni tal-minuri ma' Silverstar Transport Ltd jew/u assenja pożizzjoni lil John Vella persuna reġistrata ma' Silverstar Transport Ltd li jipprovdi servizz ta' transport li jinvolvu l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitlu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala l-operatur ta' kumpanija li tipprovdi servizz ta' transport ta' passiġġieri ma żammx records aġġornati u dettaljati marbuta mal-aspetti kollha tal-operazzjonijiet ta' ġarr ta' passiġġieri, inkluż, iżda mhux biss, records tar-riżervar kollu, id-dokumenti statutarji u l-kotba tal-accounts u ta' kuntratti ta' xogħol fiċ-ċentru fejn jopera, u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Kapitlu 499.56 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. sar recidiv wara li ġie kkundannat għal reat b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, fosthom dik ippresjeduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D nhar it-12 t'April 2016 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-17 ta' Awwissu, 2016 li biha u fuq ammissjoni sabet lill-imputat Rene Zammit hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ikkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' hmistax il-elf (15,000) Ewro liema multa ghandha tithallas fi zmien tliet snin. Ordnat ukoll r-revoka immedjata ta' kull licenzja u permess li ghandu l-imputat u dan ai termini tar-regolament 107(1) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56;

Rat ir-rikors tal-appellant Rene Zammit li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu izda thassarha kwantu l-piena u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. B'mod sussidjarju, l-appellant talab it-thassir tas-sentenza appellata f'dik il-parti li biha kienu revokati l-licenzji u l-permess mahruga f'ismu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatti li wara kollox kienu minnu ammessi. Dak li allura qieghed jikkontesta l-appellant huwa l-impost tal-multa ta' €15,000 u l-konsegwenzjali tal-piena jigifieri r-revoka tal-licenzji li l-appellant ghandu mahruga ai termini tar-regolament 107(1) tar-Regolament ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56);

2. Ezaminati d-disposizzjonijiet tal-ligi kolpiti bil-fatti imputati kontra l-appellant jemergi illi r-regolament 107 tal-Avviz Legali 149 tal-2009 kif emendat (LS 499.56) jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew ghall-multa ta' mhux aktar minn €12,000 jew dik il-prigunerija jew multa flimkien naturalment fejn si tratta ta' ksur ta' dawk ir-regolamenti. L-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 518 tal-ligijiet ta' Malta imbaghad jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa erba' snin jew multa ta' mhux anqas minn €2,500 u mhux aktar minn €50,000 jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Oltre dan, skond l-imsemmi regolament 107(1) tal-Avviz Legali 149 il-Qorti **ghandha** b'mod immedjat tirrevoka kull licenzja u/jew permess li l-hati jkollu skond ir-regolamenti. Issa, tenut li l-appellant kien ammetta ghall-kull wahda mill-erba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li l-Qorti applikat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u tenut ukoll li ammetta ghall-addebitu tar-recidiva , l-piena kominata kienet tirrientra sew fil-parametri tal-ligi;

3. Issa, l-ilment tal-appellant huwa maqsum fi tnejn, wiehed dwar il-multa imposta u l-iehor dwar ir-revoka tal-licenzji. Kwantu l-multa, din il-Qorti tqis illi din tirrientra sew fil-parametri tal-ligi aktar u aktar meta l-ewwel Qorti kellha, kif ghamlet, tapplika id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma

hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

4. Kwantu l-appell jikkoncerna l-konsegwenzjali tal-piena, igiefieri, r-revoka tal-licenzji tal-appellant, ftit hemm x'jinghad hlief li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda diskrezzjoni in rigward. Kif gia muri *supra* ir-revoka tal-licenzji hija tassattiva fil-kazijiet indikati fir-regolament 107(1) LS 499.56 u kwalsiasi argument favur xi forma ta' diskrezzjoni li kellha tkun applikata mill-ewwel Qorti, jew issa minn din il-Qorti, huwa inutili;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.